Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 68/2018

**Champalin Company Limited**

**Vs**

**Adrian Pillow**

11 ta' Frar, 2019.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Novembru, 2018 Adrian Pillow (rikorrent) talab lil din il-qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2018 u dan skont l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12.

2. Fl-14 ta' Dicembru, 2018 Champalin Company Limited wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn it-talba ghandha tkun michuda.

3. Ghal finijiet ta' sospensjoni ta' esekuzzjoni tas-sentenza skont l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12, hemm zewg rekwiziti:

    i. Ir-rikorrent irid jaghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tigix imhassra, flimkien ma' dik il-garanzija li tissemma fl-artikolu 266(10) tal-istess ligi; u
    ii. Jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza ser tikkaguna iktar pregudizzju lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tikkaguna lill-parti kuntrarja.

4. Jibda biex jinghad li ghal finijiet tas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, ir-rikorrent m'ghandux bzonn juri li ghandu *probabilis causa litigandi*.

5. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li f'dan l-istadju l-esekuzzjoni tas-sentenza waqt li hemm proceduri ta' ritrattazzjoni pendenti, aktarx tikkaguna lir-rikorrent iktar pregudizzju milli t-twaqqif jikkaguna lill-intimata. Il-meritu tal-

kaz m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni relatata mal-pregudizzju. Filwaqt li hu minnu li l-intimata hi kreditrici tar-rikorrent ghall-ammonti ta' flus, hu minnu wkoll li t-tkeccija mill-fond f'dan l-istadju ser tikkaguna hafna iktar pregudizzju lir-rikorrent.

6. F'dan il-kuntest hu rilevanti wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kaz **Aluminium Extrusions Limited vs Malta Industrial Parks Limited** tal-25 ta' April, 2018:

> *"Din il-Qorti tifhem li kieku s-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni taghha tkun ordnat zgumbrament, min ikun se jigi zgumbrat permezz tas-sentenza in kwistjoni jkun se jsofri necessarjament aktar pregudizzju bl-esegwibilita` mill-persuna li tkun qed titlob l-isgumbrament vide **Rizzo v. Bezzina**, Appell 10 ta' Jannar 1995. Dan ghaliex "jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni l-esekuzzjoni ta' issa tas-sentenza gia` ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f'kaz ta' ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita` ghandha tigi evitata. Dan dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' tehid immedjat ta' hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikulta` simili trid tigi skartata". **George Pavia v. Joseph Micallef**, Appell Civili, 4 ta' Mejju 1992. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Chapman v. Mizzi** 12 ta' Mejju 1950 f'kazi bhal dawn, il-legislatur ta' certa diskrezzjoni lill-Qorti biex tiddeciedi f'dawn it-tip ta' talbiet".*

7. Ma jfissirx li l-intimata m'hijiex issofri pregudizzju fis-sens li nghatat ragun u ghad m'ghandhiex it-tgawdija tal-fond. Madankollu hu fatt ukoll li l-proceduri ta' ritrattazzjoni gew appuntati ghal seduta li ser issir dan ix-xahar u ma jidhirx li dawk il-proceduri ser jiehdu xi tul ta' zmien qabel ikun hemm sentenza finali.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-garanzija, ma jirrizultax li r-rikorrent ta xi garanzija ghall-esekuzzjoni tas-sentenza f'kaz li ma tigix imhassra. F'dan ir-rigward il-qorti qeghda tistabbilixxi s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) somma li ghandha tigi depozitata mir-rikorrent mhux iktar tard mit-18 ta' Frar, 2019.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza bil-kundizzjoni li mhux iktar tard mit-18 ta' Frar, 2019 ir-rikorrent jiddepozita fil-qorti favur is-socjeta intimata s-somma**

**ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) bhala garanzija ghall-esekuzzjoni tas-sentenza f'kaz li ma tithassarx.**

**Spejjez ta' din id-decizjoni jithallsu minn dik il-parti li tohrog telliefa fil-kawza ta' ritrattazzjoni.**

**Anthony Ellul.**